# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn , 24 ta' Gunju, 2000**

**Numru 2**

**Citaz. Nru. 605/02GV**

**H.S.B.C. Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Joseph Mercieca u Antonia Mercieca**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettit illi l-konvenuti huma debituri versu l-bank attur fis-somma komplessiva ta' tmient elef erba' mija u sittax –il lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm8,416.97) rapprezentanti in kwantu ghal Lm7,051.28 flus mislufa lill-konvenuti in forza ta' loan account numru 040 34415 302 u in kwantu ghal Lm699.29 imghax legali dekors fuq l-istess kont sat-8 ta' Marzu 2002, u in kwantu ghal Lm1,358.30 flus mislufa lill-konvenuti in forza ta' loan account numru 040 34415 301 u in kwantu ghal Lm7.39 imghax dekors fuq l-istess kont sat-8 ta' Marzu 2002.

Premess illi nonostante li l-konvenuti gew interpellati sabiex ihallsu baqghu inadempjenti.

Premess illi dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-bank attur il-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet attrici.

Ghaldaqstant, il-bank attur talab lil din il-Qorti ;

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispens tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-bank attur is-somma komplessiva ta' tmient elef erba' mija u sittax-il lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm8,416.97) rapprezentanti in kwantu ghal Lm7,051.28 flus mislufa lill-konvenuti in forza ta' loan account numru 040 34415 302 u in kwantu ghal Lm699.29 imghax legali dekors duq l-istess kont sat-8 ta' Marzu, 2002, u in kwantu ghal Lm1,358.30 flus mislufa lill-konvenuti in forza ta' loan account numru 040 34415 301 u in kwantu ghal Lm7.39 imghax dekors fuq l-istess kont sat-8 ta' Marzu, 2002.

   Bl-imghax legali ulterjuri mit-8 ta' Marzu 2002 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-bank attur a fol. 3 tal-process ;

Rat in-nota tal-konvenuti li bih ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni ;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata ;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**